# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 213/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Maurice Curmi)

vs

**Emanuel Spiteri**

iben Espedito, imwieled Paola, fil-5 ta' Mejju, 1951, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 426751(M)

Illum, 7 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Emanuel Spiteri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bejn Jannar, 1999 u Mejju, 2010 f'dawn il-Gzejjer, b`diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita` tieghu personali, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-

obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` ma hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta` €38,070.40.

Talli sar recidiv b`diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17,31,18,293,294,49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-istess imputat hati skont l-akkuzi kif gew dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fl-20 ta' Mejju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tghaddi biex issib lil Emanuel Spiteri ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tieghu skont il-liġi u tinfliġġi fuqu dik il-piena idonea skont il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fit-13 ta' Mejju, 2014 l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom. Illi l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti, mhijiex li tirrinpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, u minflok tissostitwixxi dan l-apprezzament b`apprezzament taghha, izda li taghmel ezami approfondit ta` l-atti processwali sabiex tara jekk f`dawk ic-cirkostanzi l-Ewwel Onorabbli Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li fil-fatt waslet ghaliha.

Illi f`dan il-kuntest l-aggravju ta` l-esponent huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellat u dana stante li minn ezami akkurat ta` l-atti processwali, jirrizulta b`mod car li huwa dahhal ir-returns tal-VAT izda, hekk kif ikkonfermat ir-rapprezentant ta' l-istess dipartiment il-hlas kien ghadu ma sarx u t-taxxa dovuta skont l-istess returns li kien baghat lid-dipartiment jammonta ghal tmienja w tletin elf u sebghin Euro, u erbghin centezmu (E38,070.40).

- **<u>L-Ewwel Akkuza</u>**

Illi hekk kif ben sew qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha moghtija fit-8 ta' Mejju, 2014, fil-kaz odjern m'hemmx dubju li l-appellat naqas milli jhallas it-taxxa fuq ir-returns moghtija minnu lid-dipartiment tal-VAT. L-Ewwel Qorti kompliet tghid illi:

Huwa pprova jiskolpa lilu nnifsu billi qal li ma kienx jaf kemm kellu jhallas, u li kien gia' wehel diversi drabi quddiem il-Qorti fuq il-VAT. Ghalhekk dwar il-fatti tal-kaz, ftit hemm x'wiehed janalizza fil-fond.

Illi l-Ewwel Qorti spjegat ferm car wiehed mill-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta' misapproprjazzjoni, hekk li qalet:

> Ghalhekk, wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat ta' misapproprjazzjoni huwa proprju l-pussess ta' oggett li ma jappartjenix lil dik il-persuna, liema pussess huwa akkumpanjat minn intenzjoni doluza li jaghmel b'dak l-oggett xi azzjoni li ma kienetx tispetta lilu. Il-kaz klassiku huwa ta' meta xi hadd jafda somma flus f'idejn terz ghal skop specifiku, u dak it-terz jesercita fuq dawk il-flus jeddijiet differenti, minnflok dak li l-awtur ikun xtaq. Ghalhekk hemm distinzjoni bejn dan ir-reat kriminali u l-inadempjenza ta' obbligazzjoni civili, specjalment minhabba d-*dolo* kif hawn fuq spjegat.

Illi meta l-Ewwel Qorti giet biex tapplika dan l-insenjament ghall-kaz odjern hija erronjament applikatu ghall-fatti speci ta' dan il-kaz hekk li qalet:

> Izda l-ewwel element li jrid ikun hemm huwa proprju l-iskambju mill-idejn ta' xi haga, oggett jew flus jew proprjeta' ohra, bejn zewg persuni. **<u>Fil-kaz odjern, zgur ma jistax jinghad li d-dipartiment tal-VAT ta ammont ta' flus lil Spiteri biex hu jhallas l-arretrati ta' taxxa li suppost kellu.</u>** Il-mertu ta' dan il-kaz huwa purament dejn civili li hu dovut mill-imputat lid-dipartiment koncernat, **<u>izda fl-ebda stadju ma jista' jinghad li lil Spiteri giet fdata lilu</u>**

**somma flus minn ghand tal-VAT biex dan jaghmel xi haga biha.** (sottolinear u emfasi tal-esponent)

Illi huwa minnu illi jrid ikun hemm proprju l-iskambju mill-idejn ta' xi haga, oggett jew flus jew proprjeta' ohra, bejn zewg persuni **izda fil-kaz in kwistjoni z-zewg persuni involuti huma l-klijent li hallas ghas-servizz moghti lilu mill-appellat u dan ta' l-ahhar kellu l-obligu skont il-ligi li percentage mill-hlas li sar lilu mill-klijent jaghtih lid-dipartiment koncernat sabiex ikopri t-taxxa dovuta fuq numru ta' returns li hu stess baghat lid-dipartiment tal-VAT**.

Illi hija d-dicitura tal-ligi stess li tipprefiggi dan:

> "... appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor **li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga** jew li jsir uzu minnha specifikat ..." (sottolinear u emfasi tal-esponent)

Illi dan ghalhekk juri bic-car li la l-flus gew fdati lil l-appellat mill-klijent taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga lid-dipartiment tal-VAT u dan naqas milli jaghmlu, ma jistax jinghad li r-reat ma jissussistix.

Illi fil-fatt, kuntrarjament ghal dak li qalet il-Qorti tal-Magistrati, cioe, "Hemm nieqes ghal kollox l-element ta' konsenja ta' oggett appartenenti lil haddiehor, biex isir uzu specifiku minn dak l-oggett jew biex jinghata lura" jidher ferm car kemm mir-returns li l-appellat stess ta lid-dipartiment tat-taxxa u kif ukoll mill-istqarrija tieghu (a. fol 65-66 tal-atti processwali) fejn meta gie mistoqsi x'ghamel bil-flus li kien iddikjara huwa wiegeb "Dawk uzajthom biex nahdem bihom". Konsegwentement, l-element mehtieg ghar-reat jissusisti.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-esponent mill-kumpless tal-provi prodotti dawn l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex ir-reat jissussisti jirrizultaw sodisfacentament ipprovati f`dan il-kaz.

- **It-Tieni akkuża**

Illi fit-tieni lok l-appellat gie akkuzat talli sar recidiv b`diversi sentenzi moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Ghalhekk jekk din l-Onorabbli Qorti taqbel mas-suespost ghandha tapplika l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-appellat. L-esponent jifhem li skond il-gurisprudenza dawn l-artikoli jaghtu setgha lil dik il-Qorti li zzid il-piena u li mhux semplicement minhabba li jkunu gew invokati mill-prosekuzzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-appellat hu akkuzat li naqas li jhallas is-somma ta' €38,070.40 dovut lid-Dipartiment tal-VAT. Id-Dipartiment ezebixxa sensiela ta' dokumenti in sostenn tat-tesi tieghu li l-appellat hu debitur ta' din is-somma ta' flus. L-appellat offra x-xiehda tieghu izda l-unika haga li stqarr kienet li hu kien wehel sena u xahrejn habs fuq diversi kawzi kollha tal-VAT. Ghandu jigi rilevat li fl-atti ta' dan l-appell il-partijiet ezebew diversi sentenzi. Dawn il-kawzi kollha ghandhom x'jaqsmu mal-fatt li l-appellat ma kienx ipprezenta r-returns tal-VAT u in-nuqqas tieghu li jikkonforma mal-ligi. In kontro-ezami l-appellat informa lil din il-Qorti li kien tnejn min-nies f'perjodi diversi li kienu jimlew ir-returns izda ebda wahda minn dawn iz-zewg persuni ma ntalbet tixhed f'dan il-proċediment.

Illi fl-atti ta' dan l-appell tal-Avukat Generali, id-Dipartiment tal-VAT ipprezenta r-returns kollha li jibdew minn Jannar tas-sena 1999 sa Mejju tas-sena 2010 u li fuqhom ma thallsetx it-taxxa kollha dovuta.. L-appellat ma kkontestax il-validita' ta' dawn ir-returns u ghalhekk dak li qed jitlob id-Dipartiment tal-VAT hu minnu.

Illi l-ewwel Qorti ghamlet analizi korretta tal-insenjamenti tal-Qrati taghna in materja ta' misappropriazzjoni izda ma waslitx ghal konkluzjoni legali u ragonevoli tal-fatti in ezami. Fil-fatt, fil-perjodu ta' zmien indikat, l-appellat kien qed jitlob li jithallas ghas-servizzi tieghu u jitlob ukoll il-VAT dovut ghal dak is-servizz. Hu kien fl-obbligu li mar-returns tieghu kellu jghaddi lid-Dipartiment tal-VAT il-flus li hu kien gabar minghand il-kljenti tieghu. Dan ma ghamlux u ghalhekk il-bilanc dovut illum hu dak indikat hawn fuq. Ghalhekk, hu car li l-appell tal-Avukat Generali ghandu jigi milqugh.

Illi mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda prova li tista' tavalla t-tieni akkuza migjuba kontra l-appellat u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun meta ma sibtx lill-appellat hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, dwar l-ewwel akkuza, tilqa l-appell tal-Avukat Generali u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Dwar it-tieni akkuza tichad, l-appell tal-Avukat Generali u tikkkonferma s-sentenza appellata. Rat l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali u tikkundannah ghal piena ta' sena prigunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u tordna li tali piena ma ssehh hlief jekk Emanuel Spiteri jikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien erba' snin mil-lum. Rat l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali u tordna lil Emanuel Spiteri li jrodd lura s-somma ta' €38,070.40 fi zmien sitt xhur mil-lum lid-Dipartiment tal-VAT.